

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell miċħud

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009<sup>(1)</sup>, peress li hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti, kif ukoll ksur tal-Artikoli 75 u 76 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 sa fejn il-Bord tal-Appell innega kompletament l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni, ir-raġument tiegħu huwa kontradittorju fuq diversi punti u ċaħad b'mod żbaljat bħala irrilevanti l-argumenti effettivament rilevanti mressqa mir-rikorrenti.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1)

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud.

### Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2010 — HerkuPlast Kubern vs UASI — How (eco-pack)

(Kawża T-445/10)

(2010/C 317/79)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrenti: HerkuPlast Kubern GmbH (Ering, il-Ġermanija) (rappreżentanti: G. Würtenberger u R. Kunze, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Heidi A. T. How (Harrow, ir-Renju Unit)

#### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-27 ta' Lulju 2010, fil-Każ R 1014/2009-4;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Heidi A. T. How.

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva li tinkludi l-element verbali "eco-pack", għal prodotti fil-klassi 16.

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti.

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: it-trade mark verbali Ġermaniża u r-reġistrazzjoni internazzjonali "ECOPAK" għal prodotti fil-klassi 20.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda.

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009<sup>(1)</sup> sa fejn teżisti probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti, kif ukoll ksur tal-Artikoli 75 u 76 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 sa fejn il-Bord tal-Appell innega kompletament l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni, ir-raġument tiegħu huwa kontradittorju fuq diversi punti u ċaħad b'mod żbaljat bħala irrilevanti l-argumenti effettivament rilevanti mressqa mir-rikorrenti.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

Appell ippreżentat fl-24 ta' Settembru 2010 mid-digriet mogħi fid-9 ta' Lulju 2010 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-91/09, Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-450/10 P)

(2010/C 317/80)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

Appellant: Luigi Marcuccio (Tricase, Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet tal-appellant

- Fkull każ: tannulla d-digriet ikkōntestat fl-intier tiegħu u mingħajr eċċeżżjoni.
- Tiddikjara li r-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza u li kien is-suġġett tad-digriet ikkōntestat kien perfettament ammisibbli.
- Prinċipalment: tilqa', fl-intier tagħhom, it-talbiet imressqa mill-appellant fl-ewwel istanza.
- Tikkundanna lill-appellata tirrimborsa lill-appellant l-ispejjeż ġudizzjarji u l-onorarji kollha, li huwa sostna u li għadu qed isostni inkonnessjoni mal-kawża preżenti fl-istadji kollha tagħha.
- Sussidjarjament: tirrinvija l-kawża quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sabiex jiddeċċiedi mill-ġdid, b'kompożizzjoni ġidida, dwar il-mertu ta' din il-kawża.